

# News Releases



# Il-Qgħad Irreġistrat: Mejju tal-2023

NR117/2023 Data tal-Ħruġ: 06 ta' Lulju 2023

*F'Mejju tal-2023, in-numru ta' persuni jirreġistraw għax-xogħol kien ta' 916, li huma tnaqqis ta' 45 persuna meta mqabblin mal-istess xahar fl-2022.*



Tagħrif mogħti minn Jobsplus juri li, sena għal sena, f'Mejju 2023 kien hemm tnaqqis ta' 16-il persuna jirreġistraw fl-Ewwel Parti tar-Reġistru tal-Qgħad u tnaqqis ta' 29 persuna li kienu qegħdin jirreġistraw fit-Tieni Parti tal-istess reġistru (Tabelli nri 5 u 8). It-tnaqqis fir-reġistrar deher fil-biċċa l-kbira tal-gruppi tal-età ħlief f'dawk taħt l-20 sena. L-irġiel kienu jagħmlu 70.4 fil-mija tan-nies kollha fir-reġistru, filwaqt li n-nisa kienu jifformaw id-29.6 fil-mija l-oħra (Tabella nru 1).

Kemm l-għadd ta' persuni li kienu ilhom jirreġistraw għax-xogħol għal inqas minn 21 ġimgħa kif ukoll l-għadd ta' dawk li kienu ilhom fuq ir-reġistru għal aktar minn sena naqas meta mqabblin mal-istess xahar fl-2022. Min-naħa l-oħra, l-oħrajn li kienu ilhom jirreġistraw bejn 21 u 52 ġimgħa żdiedu fl-istess perjodu (Tabella nru 2).

F'Mejju 2023, in-numru ta' persuni b'diżabilità li kienu qegħdin jirreġistraw għax-xogħol naqas bi 18 meta mqabbel mas-sena ta' qabel, sabiex laħaq 224 persuna. L-irġiel kienu jgħoddu 77.7 fil-mija tal-għadd sħiħ ta' dawk imniżżlin fir-reġistru tal-qgħad bħala persuni b'diżabilità (Tabella nru 3).

L-irġiel u n-nisa fuq ir-reġistru tal-qgħad kienu qed ifittxu l-aktar impjiegi ta' appoġġ klerikali, bi 23.1 fil-mija u 37.3 fil-mija, rispettivament (Tabella nru 4).

## Ċart nru 1. Il-qgħad irreġistrat

